MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 133/2012

GasanMamo **Insurance Limited [C-3143] hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha John McDonough [ID:24587A] sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess John McDonough**

**Vs**

1. **John Vella [ID: 123361M] fil-kapacita tieghu ta' komproprjetarju ta' ghalqa f'Hal-Ghaxaq, konfinanti mit-Tramuntana ma' triq is-Sagra Familja, minn-Nofsinhar ma' triq ta' Loretu, u mill-irjihat l-ohra ma' proprjeta ta' terzi mhux maghrufa.**

2. **L-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace, li permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Awwissu, 2011 gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-komproprjetarji kollha, isimhom mhux maghruf, hlief ghal John Vella [ID: 123361M], ta' l-ghalqa f'Hal-Ghaxaq, konfinanti mit-Tramuntana ma' triq is-Sagra Familja, minn-Nofsinhar ma' Triq ta' Loretu u mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta ta' terzi mhux maghrufa u b'digriet ta' dan it-Tribunal datat 13 ta' April, 2012 gew kjamati fil-kawza Victor Vella, Rita Ciantar, Felix Vella, Ludovico Vella, Mario vella, Maryanne Vella, Angela Mizzi u Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-23 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsu s-somma ta' elf hames mija sebgha u ghoxrin euro u erbgha u disghin ċenteżmi ta' euro [€1,527.94c] u dan wara li ppremettew hekk:

"L-atturi jitolbu lil dan it-tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti, in solidum u bejniethom, sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf, hames mija u sebgha u ghoxrin euro u disgha u erbghin euro ċenteżmi (€1,527.94), rappreżentanti danni sofferti mill-atturi in segwitu ta' inċident illi sehh fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Settembru, 2010 meta hajt tas-sejjiegh formanti parti mill-proprjeta, ossija ghalqa, tal-konvenuti fi triq ta' Loretu, Ghaxaq, ċeda ghal fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBG-987 proprjeta ta' l-assikurat tas-socjeta attriċi, u liema vettura kienet ipparkeggjata – u dana stante illi l-istess inċident sehh unikament tort tal-konvenuti u minhabba traskuraġni, imperizja u negliġenza da parti taghhom wara li naqsu milli jżommu l-hajt in kwistjoni fi stat ta' manutenzjoni tajba u xierqa.

Is-somma mitluba tinkludi wkoll l-ammont ta' hamsa u hamsin euro (€55.00) mhallsa bhala excess mill-assikurat tas-socjeta attriċi, John McDonough, illi kien assikurat taht polza tat-tip Comprehensive mahruga mis-socjeta assikurattrici attriċi.

Interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra uffiċjali datata 15 ta' Lulju, 2011 il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jiġu stitwiti dawn il-proceduri;

Bl-ispejjez, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Lulju, 2011, tar-rikors ippreżentat kontestwalment ma' l-ittra uffiċjali wkoll tal-15 ta' Lulju 2011 u bl-imghaxijiet mill-15 ta' Lulju 2011 sal-gurnata tal-

pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-kuratur deputat Dr. Simon Micallef Stafrace** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi l-eccipjenti Dr. Simon Micallef Stafrace noe mhux edott mill-fatti;

2. B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif jiġi edott mill-fatti";

Ra **r-risposta tal-intimat John Vella** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tiġi michuda fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ma hux responsabbli tal-hsarat li sehhew fuq il-vettura IBG-987 proprjeta ta' l-assigurat tas-socjeta attriċi;

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, l-ghalqa li minnha ġġarraf il-hajt in kwistjoni ma hix kollha kemm hi proprjetà ta' l-esponenti wahdu;

3. Illi wkoll minghajr preġudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ghandu jindika lit-Tribunal kemm hu l-valur li qed jippretendi stante li fit-talba tieghu jindika elf, hames mija u sebgha u ghoxrin euro u disgha u erbghin ċenteżmu (€1,527.49c) kif ukoll elf hames mija sebgh u ghoxrin euro u erbgha u disghin ċenteżmu (€1,527.94c), li huma żewġ ammonti diversi u ma hux kompitu ta' dan it-Tribunal li jillikwida danni.

4. Salv eċċezzjonijiet ohra".

Ra **r-risposta tal-kjamati fil-kawza kollha** u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "1. Illi t-talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tiġi michuda fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ma humiex responsabbli tal-hsarat li sehhew fuq il-vettura IBG-987 proprjeta ta' l-assigurat tas-socjeta attriċi;
>
> 2. Illi r-rikorrenti minn dejjem kienu jafu li l-hajt kien wiehed tas-sejjieh u li John McDonough ma kellux jhalli l-karozza tahtu;
>
> 3. Illi dak-in-nhar li gara l-incident il-hajt waqa peress li kien sar hafna gharghar fil-gzejjer Maltin b'dan li spiċċa ġġarraf minhabba forza maġġuri u żgur mhux tort ta' l-esponenti;
>
> 4. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandu jindika lit-Tribunal kemm hu l-valur li jippretendi stante li fit-talba tieghu jindika €1,527.49c u ukoll €1,527.94c li huma ammonti diversi;
>
> 5. Salv eċċezzjonijiet ohra;"

Ra l-verbal datat 15 ta' Gunju, 2012 fejn Dr. Hyzler ghar-rikorrenti rrileva li *"... l-ammont indikat fit-talba promotrici ghandu jkun ta' €1,527.94 u l-kliem ghandu jkun jaqra €1,527.94 elf hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u erba' u disghin ċenteżmu u ghalhekk jitlob li l-kliem fit-tielet (3) linja ta' l-avviz (€1,527.49) – elf hames mija sebgha u ghoxrin euro u disgha u erbghin ċenteżmu jiġu jaqraw (€1,527.94) elf hames mija sebgha u ghoxrin euro u*

*erbgha u disghin ċenteżmu*". Dr. Caroline Farrugia ghal intimati ma opponietx ghal din it-talba. It-Tribunal laqa' t-talba u ordna l-korrezzjoni kull fejn mehtiega.

Ra l-istess verbali tal-15 ta' Gunju, 2012 fejn Dr. Caroline Farrugia, in vista ta' din il-korrezzjoni irtirat r-raba eċċezzjoni tal-kjamat in kawża u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut John Vella.

Ra l-verbal tat-8 ta' Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta' elf hames mija sebgha u ghoxrin euro u erbgha u disghin ċenteżmi ta' euro [€1,527.94c] u dan bhala danni in segwitu ghal inċident li sehh bejn l-24 u l-25 ta' Settembru, 2010 meta hajt tas-sejjieh formanti parti mill-ghalqa proprjetà ta' l-intimati u li tinsab fi Triq ta' Loretu ġewwa Hal-Ghaxaq ċeda ghal fuq il-vettura proprjeta tar-rikorrenti. Il-kuratur deputat qal li huwa ma huwiex edott mill-fatti u irriserva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri. L-intimat John Vella qal li t-talba tar-rikorrenti ghandha tiġi michuda stante li huwa ma huwiex responsabbli ghal hsarat li sehhew fuq il-vettura tar-rikorrenti meta ċeda l-hajt tas-sejjieh fuqha u li l-ghalqa in kwistjoni ma hijiex kollha proprjetà tieghu. Il-kjamati fil-kawza stqarrew li t-talba tar-rikorrenti ghandha tiġi

michuda stante li huwa ma huwiex responsabbli ghal hsarat li sehhew fuq il-vettura tar-rikorrenti meta ċeda l-hajt tas-sejjieh fuqha u li r-rikorrenti kien jaf li dan il-hajt huwa wiehed tas-sejjieh u li ma kellhux ihalli l-vettura tieghu tahtu. Oltre dan qalu ukoll li dak-in-nhar li gara l-incident, il-hajt waqa peress li kien sar hafna gharghar fil-gzejjer Maltin b'dan li spiċċa ġġarraf minhabba forza maġġuri u żgur mhux tort taghhom.

Ikkunsidra;

2. Fis-17 ta' Settembru, 2012 **xehed ir-rikkorenti John Mc Donough** li qal li huwa ghandu l-vettura tieghu bil-pjanca tar-registrazzjoni IBG-987 assigurata mas-socjeta rikorrenti u l-polza ta' l-assikurazzjoni hija tat-tip *fully comprehensive*. Fl-24 ta' Settembru, 2010 huwa ipparkja l-vettura tieghu fi Triq ta' Loreto gewwa Hal-Ghaxaq. L-ghada u cioe fil-25 ta' Settembru, 2010 cemplitlu kollega u infurmatu li l-vettura tieghu kienet gratilha l-hsara. Il-hsara li garbet il-vettura tieghu tidher fir-ritratti li hemm esebiti u mmarkati bhala dok. GMI6 sa GMI13 (fol. 14-21). Dawn ir-ritratti ttiehdu fil-25 ta' Settembru, 2010. Qal li meta pparkja l-vettura tieghu fl-24 ta' Settembru, 2010 "*there was nothing which indicated that the wall was going to fall onto my car as I found out the following day. There was no sign which stated that I could not park my vehicle there*..." (fol. 101). Zied ighid li bejn l-24 u l-25 ta' Settembru, 2010 kien hemm maltempata. Wara li skopra l-vettura tieghu bil-gebel maghha, huwa staqsa lil tal-madwar ta min kienet din l-ghalqa u huwa gie nfurmat li din kienet tappartjeni lil intimat John Vella.
   Ghar-rigward tal-vettura tieghu, s-*surveyor* mibghut mis-socjeta rikorrenti infurmah li din kienet *beyond economical repair*. Fl-14 ta' Ottubru, 2010 huwa irċieva s-somma ta' €1,500 minghand is-socjeta rikorrenti wara li kien iffirma d-*discharge receipt*.

Mistoqsi in kontro-ezami kemm-il darba kien ipparkja l-vettura tieghu fil-post fejn sehh l-incident, ir-rikorrenti qal li "*it was my first time*" (fol.

102). Huwa qal li ilu joqghod Hal-Ghaxaq ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin u li dan il-hajt dejjem jafu bhala li kien mibni bis-sejjieh. Mhux l-ewwel darba li kien ra vetturi ipparkeggjati magemb dan il-hajt fejn huwa pparkeggja l-vettura tieghu. Din hija triq normali.

3. **Xehdet** ukoll fl-imsemmija seduta **l-Kuntistabbli tal-Pulizija 124 Charlene Bugeja**. Qalet li fil-25 ta’ Settembru, 2010 hija kienet t-*telephone orderly* fl-Ghassa tal-Pulizija ġewwa z-Zejtun u rċeviet telefonata minghand ir-rikorrenti. Hija nfurmat b’din it-telefonata lis-Surgent tal-Pulizija 827 li ha hsieb jinvestiga l-kaz. Ix-xhud ikkonfermat ir-rapporti mmarkati bhala dok. GMI1 (fol. 3 et seq) u dok. GMI 3 (fol. 7 et seq).

4. **Xehed Christian Vella** li jahdem fil-*Motor Claims Department* tas-socjeta rikorrenti. Qal li fis-27 ta’ Settembru, 2010 huma rċevew *claim* minghand ir-rikorrenti u fid-29 ta’ Settembru, 2010 huma baghtu s-*surveyor* taghhom sabiex jeżamina l-vettura tar-rikorrenti. Gie esebit is-*survey report* tas-*surveyor* John Callus datat 14 ta’ Ottubru, 2010 (dok. GMI 4 a fol. 9). A bażi ta’ dan ir-rapport is-socjeta rikorrenti, jkompli jghid ix-xhud, “*ahna hallasna lil klijent taghna s-somma ta’ elf u hames mitt ewro*” (fol. 104) u dan skont ma’ jirrizulta mid-dokument immarkat bhala GMI 21 a fol 29 tal-process.

   Is-socjeta rikorrenti hallset ukoll il-mizata tas-*surveyor* u l-klijent hallas l-*excess* ta’ hamsa u hamsin euro (€55). Fit-18 ta’ Ottubru, 2010 intbaghtet ittra lill-intimat fejn gie mitlub jaghmel tajjeb ghal hsarat li garrab ir-rikorrenti (fol. 106) filwaqt li fil-15 ta’ Lulju, 2011 giet spedita ittra ufficjali kontra l-intimat u sidien ohra mhux maghrufa (fol. 86). Sar ukoll kuntatt telefoniku mal-intimat izda kollox kien ta’ xejn.

5. Is-*surveyor* **John Callus** xehed fit-23 ta’ Ottubru, 2012. Qal li huwa kien gie inkarigat mis-socjeta rikorrenti sabiex jaghmel s-*survey report* ghar-rigward ta’ dan il-kaz odjern. Hekk ghamel u fl-14 ta’ Ottubru, 2010 huwa

rrediga r-rapport li hemm esebit a fol. 9 li gie debitament ikkonfermat minnu. Qal li kkonstata hsarat fit-Tata Indica bil-pjanca ta’ registrazzjoni IBG-987 fuq in-naha tax-xellug taghha fuq il-bonnet. Qal ukoll li huwa kien gibed ir-ritratti li hemm mas-*survey report*. Skond ir-rapport tieghu, kellu *“jinhareg cash settlement ta` elf u hames mitt euro (€1500) full and final settlement u dan peress li l-vettura kienet beyond economical repair*” (fol. 139).

6. **Il-Kuntistabbli tal-Pulizija 417 Louis DeGabriele xehed** u qal li bejn l-24 u l-25 ta’ Settembru, 2010 kien sehh incident gewwa Triq ta’ Loretu f’ Hal-Ghaxaq. Ir-rikorrenti kien ċempel l-Ghassa tal-Pulizija u kien nformahom illi sab il-vettura tieghu li kienet ipparkjata fi Triq ta` Loretu gewwa Hal Ghaxaq b`xi gebel fuqha. Il-Kuntistabbli mar fuq il-post u sab il-vettura tat-tip ‘Tata’ bil-pjanca ta’ registrazzjoni IBG-987 li kellha hsarat fuq il-bonnet u b’xi gebel tal-hajt tas-sejjieh fuq in-naha tax-xellug. Ix-xhud qal li “*dan il-hajt waqa’ sforz il-maltempata li kienet sehhet il-lejl ta’ qabel cioe` fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru elfejn u ghaxra (2010). Niftakar li kienet maltempata kbira*” (fol. 140). Qal li ma jidhirlux li kien hemm xi rapporti ohra dakinhar fl-Ghassa taz-Zejtun fejn kien stazzjonat hu minhabba dan il-maltemp. Qal li meta mar fuq il-post de quo (fil-25 ta’ Settembru, 2010) kien bnazzi u ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni ta’ xi hsarat fit-toroq bhal meta ikun hemm wara li jkun sehh xi gharghar. Zied ighid li huwa kellem lill-intimat John Vella u staqsieh jekk l-ghalqa kienitx tappartjeni lilu. Huwa wiegbu fl-affermattiv u zied jghidlu li l-hajt “*... kien waqa’ minhabba l-maltemp li kien sehh il-lejl ta’ qabel*” (fol. 140). Qal li l-hajt li ma waqax kien ukoll tas-sejjieh u mistoqsi jekk “*dan il-hajt kienx ser jaqa’ jiena nghid illi le ma kienx daqshekk gravi*” (fol. 140).

7. Fit-22 ta’ Novembru, 2012 **xehed l-intimat John Vella.** Qal li din l-ghalqa li hemm ġewwa Triq ta’ Loreto f’Hal Ghaxaq kienu jsibuha bhala l-ghalqa ta’ Pawlu u ilha snin kbar fil-pussess tal-familja taghhom. B’referenza ghall-hajt tas-sejjieh li jdawwar l-ghalqa in kwistjoni huwa qal li din ilha mibnija snin twal u huwa minn dejjem jafu hemm. Qal li ghalih dan il-hajt – li kien maghmul minn biċċiet tal-gebel tas-sejjieh – kien jinsab fi stat

tajjeb l-ghaliex li kieku kien fi stat hazin kien jaqa' mal-ewwel. Taht il-hajt tas-sejjiegh ma hemmx bankina u l-karozzi meta jipparkjaw, jipparkjaw kemm jista jkun vicin dak il-hajt tas-sejjiegh. It-triq, in kwistjoni, kif jidher mir-ritratt li hemm esebit a fol 27 tal-process tiflah karozza pparkjata u karozza tghaddi ohra b'mod komdu minn hdejha. Zied ighid li dakinhar tal-incident kien mar ikellmu r-rikorrenti John McDonough u qalli li kien waqa' l-hajt tas-sejjiegh ghal fuq il-vettura tieghu minhabba l-maltemp. Henu biex inehhi l-gebel minn mal-vettura tieghu u reggha irritorna lura lejn daru. Ftit tal-hin wara mar Pulizija flimkien mar-rikorrenti u hadlu l-partikolaritajiet tieghu. Huwa qal lill-pulizija li din l-ghalqa kienet tappartjeni lil ommu u li missieru kellhu l-uzufrutt taghha. L-intimat u hutu jahdmu din l-ghalqa li fiha madwar tomna u nofs.

Ghar-rigward tal-hajt tas-sejjieh, l-intimat qal li huma qatt ma ghamlulu "*... xoghol fuqu ta' tiswijiet jew ta' manutenzzjoni u dan peress li fil-fehma tieghi dan il-hajt kien sew*" (fol. 163). L-intimat u hutu hadu hsieb li jergghu jibnu dan il-hajt bil-gebel li kien hemm. Wara li kien reggha nbena dan il-hajt, jkompli jghid l-intimat, huwa ġieli inzerta kien ghaddej minn hemm u ra xi vetturi pparkegjati taht dan il-hajt. Mistoqsi mit-Tribunal jekk qatx kienu kellmuh xi Pulizija ghar-rigward ta' dan il-hajt li kien perikoluz, l-intimat wieġeb fin-negattiv. Lanqas ma qatt qalulu hutu li kien kellimhom xi Pulizija biex jghidilhom li dan il-hajt huwa perikoluz.

In kontro-ezami huwa qal li din l-ghalqa ilha hamsa u ghoxrin (25) sena fil-pussess taghhom u li huma qatt ma daruh. Qal li "*l-hajt tas-sejjiegh jismu mieghu gebla fuq gebla m'huwiex imkahhal kieku kien tal-kantun wiehed kien jista jghid isma dan mikul ejja nbidluh pero' tas-sejjiegh huwa tas-sejjiegh*" (fol. 163). Kompla jghid li taht il-hajt fin-naha tal-ghalqa fejn waqa' dan l-istess hajt huma kienu jizirghu l-prodott. L-uniku haġa li kien hemm tistrieh mal-hajt huwa serattiz ta' l-injam li jidher a fol. 28 tal-process. Ghal bqija, taht il-hajt tas-sejjiegh li waqa' ghal fuq il-karozza hamrija biss hemm.

Ghar-rigward tal-maltempata, l-intimat qal li huwa ma jafx jekk din kienetx xi wahda qawwija l-ghaliex kien rieqed però kien dahhalu l-ilma fid-dar tieghu ghalkemm ġeneralment meta taghmel ix-xita ma jidholux ilma. Meta mar biex jghin lir-rikorrenti jnehhi l-gebel minn mal-vettura tieghu ma kienx hemm ilma iżda kien hemm it-tajn.

L-intimat esebixxa tlett dokumenti li jitkellmu dwar it-temp li kien gej f'dawk iz-zminijiet (fol. 168-178).

B'referenza ghad-dok AF 2 huwa qal li *"f'dan l-ahhar dokument AF2 hemm imnizzel dan il-paragrafu*: *"L-aktar gurnata li fiha nizlet xita kienet l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru b'total ta' kwazi hamsa u tletin millimetru (35mm) ta' xita. Settembru li l-aktar nizlet xita fih kien dak tal-elf disgha mija sebgha u disghin (1997) b'total ta' mitejn sebgha u sittin millimetre (267mm) waqt li f'Settembru tal-elf disgha mija tlieta u erbghin (1943) ma nizlet l-ebda xita*". (fol. 173).

8.**Joseph Schiavone**, Kap tal-Ufficcju Meterjologiku fil-Malta International Airport gewwa l-Gudja xehed fis-16 ta' April, 2013. Huwa esebixxa rapport metejorologiku ghall-perjodu 24 u 25 ta' Settembru, 2010. Skond ir-*readings* dawn juru li kien hemm maltempata b'xita kontinwa tul il-lejl kollu. Skond l-istess rapport "*... nizlet ftit xita mhux hazin pero' mhux klassifikata bhala wahda mill-kbar*" (fol. 185). Qal li bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar (5:00p.m.) u l-hamsa ta' filghodu (5:00a.m.) ta' bejn l-24 ta' Settembru u l-25 ta' Settembru tas-sena 2010 "*... waqghu b'kollox madwar erbgha u tletin millimetru (34mm) u dan l-ammont huwa ferm izjed mill-medja ta' lejl wiehed. L-average fir-rainy season bejn l-eight (8th) August sa l-eight (8th) February, March ikun ta circa twelve (12) sa fifteen (15) millimeters pero' dan qed nikellmu b'mod approssimattiv, f'dan il-kas kien hemm izjed mid-doppju tal-average pero' fil-bidu tal-istagun dejjem ikun hemm dawn it-tip ta' maltempati*" (fol. 185). Fil-kaz odjern kien hemm maltempata bix-xita tul il-lejl kollu.

Ikkunsidra ulterjorment;

9. Permezz tal-verbal datat 15 ta' Gunju, 2012 Dr. Hyzler ghar-rikorrenti rrileva li *"... l-ammont indikat fit-talba promotrici ghandu jkun ta' €1,527.94 u l-kliem ghandu jkun jaqra €1,527.94 elf hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u erba' u disghin ċenteżmu u ghalhekk jitlob li l-kliem fit-tielet (3) linja ta' l-avviz (€1,527.49) – elf hames mija sebgha u ghoxrin euro u disgha u erbghin ċenteżmu jiġu jaqraw (€1,527.94) elf hames mija sebgha u ghoxrin euro u erbgha u disghin ċenteżmu*". It-Tribunal, wara li ra n-nuqqas ta' oġġezzjoni tad-difensur ta' l-intimati laqa din it-talba u ordna l-korrezzjoni kull fejn mehtiega. Wara li intlaqghet din it-talba, Dr. Caroline Farrugia, in vista ta' din il-korrezzjoni irtirat r-raba eċċezzjoni tal-kjamat in kawża u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut John Vella. Ghalhekk it-Tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni iktar ta' dawn iz-zewg eċċezzjonijiet.

10. It-tielet eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawza hija fis-sens li dak-in-nhar li gara l-incident il-hajt waqa peress li kien sar hafna gharghar fil-gzejjer Maltin b'dan li spiċċa ġġarraf minhabba forza maġġuri u żgur mhux tort taghhom. Hawn il-kjamati fil-kawza qed jaghmlu referenza ghall-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."*

11. Tajjeb li wiehed jibda billi jaghmel distinzjoni bejn il-kaz fortuwitu u l-forza magguri.

**FORZA MAGGURI**

12. Il-forza magguri hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti[1].

13. Biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri jrid ikun hemm mhux biss l-imprevedibilita` izda n-nuqqas ta' kontributorjeta` tad-danni eventwali[2].

14. Gie ghalhekk ritenut li l-forza maggura tiggustifika ksur ta' kuntratt, meta l-impossibilita` ta' l-ezekuzzjoni tkun oggettiva u indipendenti mill-volonta' ta' l-kontraent[3]

**KAZ FORTUWITU**

15. Il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza[4]. In oltre, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli.

16. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'*bonus pater familias*' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'*colpa*[5].

---

[1] Ara **Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008;

[2] Ara **Micallef vs Belle Mc Cance** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 1953 [XXXVII-I-636], u **Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 2001;

[3] Ara **Middle Sea Insurance Company Limited vs Sullivan Maritime Limited** ***et***, deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju, 2004; ara ukoll s-sentenzi riportati fil-Volumi **XXXI.I.554**, **XXXI.III.168** u **XXXVII.I.183**;

[4] Ara ukoll **Delia v. Segretarju Permanent et**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju, 2004 u **Borg Falzon v. Darmanin**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-7 ta' Gunju, 1940;

[5] Ara **Kurunell Hugh v. Negte Busuttil** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-16 ta' Novembru, 1942;

17. Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu[6]".

18. Skond il-principju tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*.

19. Inghad ukoll li l-kaz fortuwitu, l-forza magguri u l-istat tan-necessita' ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni[7] u allura l-kuncett tal-forza magguri "*viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo*[8]". Ghalhekk, il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribuwixxa l-fatt posittiv jew negattiv tal-bniedem.

20. Issa fil-kaz in ezami rrizulta li bejn l-24 u l-25 ta' Settembru, 2010 "*... nizlet ftit xita mhux hazin pero' mhux klassifikata bhala wahda mill-kbar*" (fol. 185) u li bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar (5:00p.m.) u l-hamsa ta' filghodu (5:00a.m.) ta' bejn l-24 ta' Settembru u l-25 ta' Settembru tas-sena 2010 "*... waqghu b'kollox madwar erbgha u tletin millimetru (34mm) u dan l-ammont huwa ferm izjed mill-medja ta' lejl wiehed* (fol. 185). Il-medja "*fir-rainy season bejn l-eight (8th) August sa l-eight (8th) February, March ikun ta circa twelve (12) sa fifteen (15) millimeters*" (fol. 185). Dan ifisser li *f'dan il-kas kien hemm izjed mid-doppju tal-average pero' fil-bidu tal-istagun dejjem ikun hemm dawn it-tip ta' maltempati*" (fol. 185)[9]. Ir-rikorrenti John McDonough ipparkja l-vettura tieghu taht il-hajt tas-sejjieh li kien jifred l-ghalqa ta' l-intimat u tal-kjamati fil-kawza mit-triq. Skond l-istess rikorrenti, "*there was nothing which indicated that the wall was going to fall onto my car as I found out the following*

[6] Ara **Falzon vs Formosa** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Dicembru, 1991;

[7] Ara Kollez. Vol. **XXX P III p 142**;

[8] Ara Kollez. Vol **XVIII P II p 164** u Vol. **XXIV P I p 172**

[9] Ara x-xhieda ta' Joseph Schiavone.

*day. There was no sign which stated that I could not park my vehicle there*...” (fol. 101). Irrizulta ukoll, mid-diversi xhieda li xehdu f’dawn il-proceduri li l-ghada ta’ dan il-maltemp kien il-bnazzi u li ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni ta’ xi hsarat fit-toroq bhal meta ikun hemm wara li jkun sehh xi gharghar[10]. Ghar-rigward tal-hajt huwa qal li kien hemm parti mill-hajt li ma waqax li kien ukoll tas-sejjieh u li dan il-hajt u mistoqsi jekk “*dan il-hajt kienx ser jaqa’ jiena nghid illi le ma kienx daqshekk gravi*” (fol. 140). L-intimat da parti tieghu qal li l-ghalqa de quo ilha snin twal fil-pussess tieghu u ta’ familtu. L-istess haga ghar-rigward tal-hajt tas-sejjieh. Dan ilu jafu snin twal mibni. L-intimat qal li ghalih dan il-hajt – li kien maghmul minn biċċiet tal-gebel tas-sejjieh – kien jinsab fi stat tajjeb l-ghaliex li kieku kien fi stat hazin kien jaqa’ mal-ewwel. Fil-fatt, huma qatt ma ghamlulu *“... xoghol fuqu ta’ tiswijiet jew ta’ manutenzzjoni u dan peress li fil-fehma tieghi dan il-hajt kien sew*” (fol. 163). Wara li waqa dan il-hajt l-intimat u hutu hadu hsieb li jergghu jibnuh bil-gebel li kien hemm. Qatt ma sar xi diskors li dan il-hajt kien perikoluż. Qal li “*l-hajt tas-sejjiegh jismu mieghu gebla fuq gebla m’huwiex imkahhal kieku kien tal-kantun wiehed kien jista jghid isma dan mikul ejja nbidluh pero’ tas-sejjiegh huwa tas-sejjiegh*” (fol. 163). Kompla jghid li taht il-hajt fin-naha tal-ghalqa fejn waqa’ dan l-istess hajt huma kienu jizirghu l-prodott. L-uniku haġa li kien hemm tistrieh mal-hajt huwa serattiz ta’ l-injam li jidher a fol. 28 tal-process. Ghal bqija, taht il-hajt tas-sejjiegh li waqa’ ghal fuq il-karozza hamrija biss hemm. L-intimat ghamel ir-ricerka tieghu dwar il-maltemp hu qal, b’referenza ghad-dok. AF 2 li *L-aktar gurnata li fiha nizlet xita kienet l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru b’total ta’ kwazi hamsa u tletin millimetru (35mm) ta’ xita. Settembru li l-aktar nizlet xita fih kien dak tal-elf disgha mija sebgha u disghin (1997) b’total ta’ mitejn sebgha u sittin millimetre (267mm) waqt li f’Settembru tal-elf disgha mija tlieta u erbghin (1943) ma nizlet l-ebda xita*”. (fol. 173).

21. It-Tribunal huwa tal-fehma, li ghalkemm bejn l-24 u l-25 ta’ Settembru, 2010 ghamel il-maltemp, dan il-maltemp ma kienx jikklassifika fil-fehma tieghu bhala xi maltempata kbira. Huwa minnu li dak il-lejl ghamel id-

[10] Ara x-xhieda tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 417 Louis DeGabriele.

doppju ta’ l-ilma li solitament isir pero xorta wahda l-35 millimetru xita li ghamlu ma huma komparabbli mal-267 millimetri li jsemmi l-intimat fid-deposizzjoni tieghu u li kienu waqghu f’ Settembru, 1997. Ghalhekk, il-kjamati fil-kawza ma jistghux jibbenefikaw mid-difiza tal-forza magguri u konsegwentement t-Tribunal qieghed jichad din l-eccezzjoni.

22. Eccezzjoni ohra hija li r-rikorrenti minn dejjem kienu jafu li l-hajt kien wiehed tas-sejjieh u li John McDonough ma kellux jhalli l-karozza tahtu. Anke din l-eccezzjoni ma ghandhiex mis-sewwa. Diga inghad li meta r-rikorrenti John McDonough pparkeggja l-vettura tieghu “*there was nothing which indicated that the wall was going to fall onto my car as I found out the following day. There was no sign which stated that I could not park my vehicle there*...” (fol. 101). Meta persuna tipparkeggja l-vettura taghha hija ma tistenniex li tigrilha l-hsara. Irrispettivament jekk tipparkjax taht hajt tas-sejjieh jew taht hajt tal-gebel. Ma kien hemm xejn x’jindika li dan il-hajt kien ser jaqa u allura r-rikorrenti ma kellhux ghalfejn ma jipparkeggjax il-vettura tieghu hemmhekk.

23. GHal istess ragunijiet hawn fuq moghtija l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat u tal-kjamati fil-kawza ukoll qeghda tigi michuda.

24. Jifdal x’tigi deciza t-tieni eccezzjoni ta’ l-intimat u cioe li din l-ghalqa li minnha ġġarraf il-hajt in kwistjoni ma hix kollha kemm hi proprjetà tieghu wahdu. Din l-eccezzjoni ġiet sorvolata meta gew kjamati fil-kawza is-sidien l-ohra ta’ l-ghalqa u konsegwentement anke din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

25. Bil-fatt li ddahhlu l-kjamati fil-kawza, l-htiega tal-kuratur deputat Dottor Simon Micallef Stafrace ma ghadhiex mehtiega.

26. Ghar-rigward tal-mertu, t-Tribunal jirrileva li la l-intimat u lanqas il-kjamat fil-kawza ma kkontestaw il-quantum tad-danni u konsegwentement l-ammont reklamat ghandu jittiehed bhala ippruvat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat u mill-kjamati fil-kawza in vista

ta’ dak kollu li inghad hawn fuq, qieghed jordna li jiġi estromess il-kuratur deputat mill-atti tal-kawza stante li l-htiega tieghu kienet minhabba l-fatt li ma kienux maghrufin is-sidien kollha ta’ l-ghalqa in kwistjoni, haġa li ma baqghetx mehtiega meta iddahhlu fil-kawza l-imsemmija sidien, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta’ elf hames mija sebgha u ghoxrin euro u erbgha u disghin ċenteżmi ta’ euro [€1,527.94c] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat u lill-kjamati fil-kawza, solidalment bejniethom sabiex ihallsuhom is-somma ta’ ta’ elf hames mija sebgha u ghoxrin euro u erbgha u disghin ċenteżmi ta’ euro [€1,527.94c] bl-imghaxijiet legali u l-ispejjez kif mitluba.

L-ispejjez, inkluż dawk tal-kuratur deputat, huma kollha a kariku tal-intimat u tal-kjamati fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------